TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 36/18-F

**Janet Chircop u Lee Galea**

**vs**

**Gabriel Zarb**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti pagament li sar fuq xogħlijiet li kellhom isiru u ma sarux kollha.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu qabdu lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' tikħil u żebgħa u wkoll fuq silicato, u kellu jagħmel xogħol fuq il-bir. Illi dan beda x-xogħol u fl-aħħar waqaf u ma baqax imur. Għaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu rifużjoni ta' tliet elef u ħames mija (3,500), u ippreżentaw rapport ta' surveyor biex jindika xogħol li għad baqa'.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**